

# FESTI SOLENNI

F'ĠIEĦ

## IL-PRINĊPIJIET TAL-APPOSTLI

# San Pietru u San Paul

LI SER JIĠU ĊĊELEBRATI FIL-KNISJA ARĊIPRETALI, MATRIĊI, KOLLEĠĠJATA
INSINJI U BAŻILIKA TAN- NADUR, GĦAWDEX,
AFFILJATA SPIRITWALMENT MAL-BAŻILIĊI PAPALI
TA' SAN PIETRU FIL-VATIKAN U SAN PAOLO FUORI LE MURA ĠEWWA RUMA

## MILL-11 SAD-29 TA' ĠUNJU 2026

*"Alla jħobb lil min jagħti bil-ferħ."*
(2Kor 9,7)

## Il-Ħamis 11 ta' Ġunju

**9.00pm** *Big Band Adventures*: Programm mużikali annwali mill-Banda Mnarja fi Pjazza San Pietru u San Pawl, taħt id-direzzjoni ta' Mro Dr Joseph Grech u mtella' bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar u tal-Kunsill Lokali tan-Nadur.

## Il-Ġimgħa 12 ta' Ġunju

**6.00pm** Ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Konfermazzjoni, mill-E.T. Mons. Joseph Alessandro OFMCap Isqof Emeritu ta' Garissa fil-Kenja.

## Il-Ħamis 18 ta' Ġunju

### ĦRUĠ TAL-ISTATWA MIN-NIĊĊA

**7.00pm** Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija mill-Arċipriet Kan. Krystof Buttigieg bil-parteċipazzjoni tal-Banda Mnarja, li tkompli tesegwixxi l-Antifona u l-Innu Marcia lil San Pietru u San Pawl waqt il-ħruġ tal-Istatwa min-niċċa. Tingħata l-Barka Sagramentali. Ikun hemm ħruq tan-nar tal-ajru.

**8.30pm** Tombla kbira fi Pjazza 28 ta' April 1688, b'risq l-ispiża tal-baned għall-festa tal-Imnarja.

*Matul il-jiem tan-Novena jkun hemm Quddiesa letta fil-5.00pm, fis-7.00pm Konċelebrazzjoni u wara Kurunella, Antifona u Barka Sagramentali.*

## Il-Ġimgħa 19 ta' Ġunju

### L-EWWEL JUM TAN-NOVENA
### JUM IL-FAMILJA

**5.00pm** Tieġ

**7.00pm** Quddiesa mmexxija minn Patri Martin Cilia MSSP, li għaliha huma mistiedna b'mod speċjali l-familji kollha speċjalment dawk li qegħdin jiċċelebraw l-10, il-25 jew il-50 anniversarju miż-żwieġ tagħhom u dawk li għammdu t-trabi tagħhom matul din is-sena.

**9.00pm** Festa għall-familji bit-tfal fi Pjazza San Pietru u San Pawl organizzata mill-Kunsill Lokali. Ikun hemm spettaklu ta' logħob u attrazzjonijiet bla ħlas għat-tfal.

**Is-Sibt 20 ta' Ġunju**
**IT-TIENI JUM TAN-NOVENA**
**ANNIVERSARJU 25 SENA SAĊERDOZJU TA' MONS. JOSEPH GRECH**

**5.00pm** Tieġ
**7.00pm** Quddiesa Solenni mmexxija minn Mons. Joseph Grech, f'għeluq il-25 sena anniversarju mill-ordinazzjoni presbiterali tiegħu. Wara nkomplu nifirħu miegħu permezz ta' festin żgħir fuq iz-zuntier tal-knisja.

**IL-WIRJA TAL-IMNARJA (AGRARJA U TA' ARTIĠJANAT)**

**Is-Sibt 20 ta' Ġunju**

**8.00pm** Ftuħ tal-Wirja bi prodotti tipiċi agrarji u artiġjanali fi Pjazza l-Arċipriet Dun Martin Camilleri, organizzata mill-Kunsill Lokali tan-Nadur flimkien mal-Ministeru għal Għawdex u għall-Ippjanar. Fiha ser jiġu esebiti diversi prodotti agrikoli, għodod u oġġetti tal-biedja u artiġjanat Naduri. Din is-serata tinkludi ikel u xorb tipiku Malti, kant, daqq u żfin tradizzjonali.

**Il-Ħadd 21 ta' Ġunju**

**8.00am** Tkompli l-Wirja Agrarja u ta' Artiġjanat fi Pjazza l-Arċipriet Martin Camilleri u anki fi Triq Diċembru 13, fejn ikun hemm għodwa ta' kant, mużika u żfin folkloristiku.
**9.00am** Wirja taż-żwiemel organizzata mill-Kunsill Lokali tan-Nadur fi Triq Diċembru 13.
**11.00am** Tberik tal-annimali u wara titqassam tifkira tal-okkażjoni lil kull min ħa sehem.

**Il-Ħadd 21 ta' Ġunju**
**IT-TIELET JUM TAN-NOVENA**
**JUM IŻ-ŻGĦAŻAGĦ**

*(Quddies fil-Bażilika 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am, 11.00am u 5.00pm; fil-kappella tas-Sorijiet 6.15am; fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù 7.00am; fil-kappella taċ-Ċimiterju ta' Kenuna 7.30am)*

**6.00pm** Quddiesa mmexxija mis-saċerdot Dun Mark Bonello bis-sehem taż-żgħażagħ u l-adolexxenti.
**8.00pm** *Are we there yet?*: Serata ta' divertiment imtellgħa mill-adolexxenti u ż-żgħażagħ tan-Nadur Teen & Youth Centre fi Pjazza 28 t'April 1688, bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali. Is-serata jkun fiha kant, żfin, farsa, logħob u divertiment.

## It-Tnejn 22 ta' Ġunju
## IR-RABA' JUM TAN-NOVENA
## JUM IN-NADURIN LI JGĦIXU F'PARROĊĊI OĦRA

**7.00pm** Quddiesa tan-novena mmexxija mill-Kan. Carmelo Portelli li għaliha huma mistednin b'mod partikulari n-Nadurin li jgħixu f'parroċċi oħra f'Malta u Għawdex.

**8.30pm** Produzzjoni teatrali reliġjuża dwar San Pietru u San Pawl, li ġġib l-isem: "Niċċa Ġdida", miktuba minn Joe Chircop, bis-sehem tal-atturi Mario Micallef u Silvio Axisa, u bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tan-Nadur.

## It-Tlieta 23 ta' Ġunju
## IL-ĦAMES JUM TAN-NOVENA
## ANNIVERSARJU 25 SENA SAĊERDOZJU TAL-KAN. JOE CARDONA

**7.00pm** Quddiesa Solenni mmexxija mill-Kan. Joe Cardona, f'għeluq il-25 sena anniversarju mill-ordinazzjoni presbiterali tiegħu. Wara nkomplu nifirħu miegħu permezz ta' festin fi Pjazza 28 t'April 1688.

## L-Erbgħa 24 ta' Ġunju
## IS-SITT JUM TAN-NOVENA
## JUM IT-TFAL U L-ABBATINI

**7.00pm** Quddiesa animata mill-kor tat-tfal u l-orkestrina tal-abbatini taħt id-direzzjoni tad-Djaknu Fabio Cini. Ċelebrazzjoni mmexxija mill-Kan. Reuben Micallef li fiha ser issir il-vestizzjoni tal-abbatini l-ġodda. Mistiedna t-tfal kollha u l-abbatini flimkien mal-familjari tagħhom. Wara jkun hemm festin żgħir għalihom.

**8.30pm** Manifestazzjoni għat-tfal bl-istatwa ta' San Pietru u San Pawl akkumpanjata mill-Banda Mnarja li tgħaddi minn Pjazza 28 t'April 1688, Triq il-Kappillan, Triq Dun Bernard Haber, u tintemm quddiem il-Każin tal-Banda fi Triq Diċembru 13, bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tan-Nadur.

## Il-Ħamis 25 ta' Ġunju
## L-EWWEL JUM TAT-TRIDU
## ANNIVERSARJU 60 SENA SAĊERDOZJU TA' MONS. SALV MUSCAT

**7.00pm** Quddiesa mmexxija minn Mons. Salv Muscat, li din is-sena qed jiċċelebra s-60 Anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu, li fiha l-Kan. Prof. Jonathan Farrugia jagħmel l-ewwel omelija tat-Tridu. Tiġi esegwita l-quddiesa Lauda Sion tal-Mro

Mons. Martin Portelli. Wara jkun hemm l-Antifona u l-Barka Sagramentali.

**9.00pm** L-Ikla Tradizzjonali fi Pjazza l-Arċipriet Martin Camilleri bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tan-Nadur. Għal din is-serata ser ikun hemm mużika u kant b'talent lokali.

## Il-Ġimgħa 26 ta' Ġunju
## IT-TIENI JUM TAT-TRIDU
## ANNIVERSARJU TAL-GĦOTI TAL-BAŻILIKA
## JUM IL-VOLUNTIERA TAL-PARROĊĊA

**7.00pm** Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija minn Mons. Salv Pace, li fiha l-Kan. Prof. Jonathan Farrugia jagħmel it-tieni omelija tat-Tridu. Tiġi esegwita l-quddiesa Maria Assunta tal-Mro Mons. Martin Portelli. Wara jkun hemm l-Antifona u l-Barka Sagramentali.

**8.30pm** Festin ċkejken ta' apprezzament lill-voluntiera kollha fuq iz-zuntier tal-Bażilika.

**9.30pm** Marċ bl-istatwa artistika tal-Għoti tal-Missjoni lil San Pietru u San Pawl li jibda minn Triq ir-Rabat, jgħaddi minn Triq il-Knisja, Pjazza San Pietru u San Pawl u jispiċċa fi Triq Diċembru 13 akkumpanjat mill-Banda Mnarja tan-Nadur u mill-Banda mistiedna mill-Għaqda Armar Diċembru 13, San Gejtanu tal-Ħamrun, Malta.

**12.00am** Tlugħ tal-istatwa fuq il-pedestall artistiku fi Triq Diċembru 13, waqt li l-Banda Mnarja ddoqq l-Innu Marċ Lil San Pietru u San Pawl. Fit-tmiem, jittella' spettaklu ta' logħob tan-nar sinkronizzat mal-mużika bl-isem: Mixegħla Ħamra u Safra, bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tan-Nadur.

## Is-Sibt 27 ta' Ġunju
## IT-TIELET JUM TAT-TRIDU
## JUM L-EMIGRANTI

**10.00am** Quddiesa mmexxija minn Mons. Salv Grima, bis-sehem tal-anzjani u l-morda. Wara jkun hemm festin tal-okkażjoni.

**11.00am** Taħdita pubblika fis-Sala taċ-Ċentru Parrokkjali mmexxija mill-Kan. Charles Vella, dwar il-valur tal-wirt artistiku li ħalla Lazzaro Pisani fil-Bażilika tan-Nadur u jagħti xi dettalji dwar it-teknika tar-restawr li sar fuq il-pittura tal-Għoti tal-Missjoni, kif ukoll dwar ir-restawr li sar fuq it-tużell.

**7.00pm** Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija mill-Kan. Loreto Tabone li fiha l-Kan. Prof. Jonathan Farrugia jagħmel it-tielet omelija

tat-Tridu. Tiġi esegwita l-quddiesa Sanctae Annae tal-Mro Antoine Theuma. Antifona u Barka Sagramentali.

**8.30pm** Festin ċkejken ta' merħba għall-emigranti fuq iz-zuntier tal-Bażilika.

**9.00pm** Marċ mill-Banda Mnarja u mill-Banda San Girgor Ta' Kerċem, li jakkumpanja d-Dimostrazzjoni tradizzjonali bl-istatwa artistika ta' San Pietru u San Pawl.

**12.00am** Wasla fil-Pjazza u tlugħ tal-istatwa ta' San Pietru u San Pawl fuq il-pedestall monumentali, waqt li l-Banda Mnarja tesegwixxi l-Innu Marċ Lil San Pietru u San Pawl.

**12.30am** Feature, kxif tas-sorpriża u xow tan-nar sinkronizzat mal-mużika. Dan l-ispettaklu huwa mħejji mill-Għaqda Żgħażagħ Imnarja, bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tan-Nadur.

## Il-Ħadd 28 ta' Ġunju
## LEJLET IL-FESTA

*(Quddies fil-Bażilika 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am, 11.00am u 5.00pm; fil-kappella tas-Sorijiet 6.15am; fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù 7.00am; fil-kappella taċ-Ċimiterju ta' Kenuna 7.30am)*

**8.30am** Konċelebrazzjoni Solenni ta' ringrazzjament lil Alla fi tmiem in-Novena u t-Tridu mmexxija mill-Arċipriet Kan. Krystof Buttigieg, flimkien mal-Kapitlu tal-Kolleġġjata u l-Kleru li fi tmiemha jitkanta t-Te Deum.

**6.30pm** Traslazzjoni Pontifikali mmexxija mill-E.T. Mons. Anton Teuma Isqof t'Għawdex bis-sehem ta' rappreżentanza tal-Kapitlu Katidrali, tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata u l-Kleru u tal-Kavallieri tal-Konfraternità ta' San Pietru u San Pawl, mill-knisja tal-Qalb ta' Ġesù. Wara, fil-Bażilika, Mons. Isqof Anton Teuma jmexxi l-Għasar Pontifikali, assistit mir-rappreżentanza tal-Kapitlu Katidrali u mill-Kapitlu u l-Kleru tal-Bażilika. Tiġi esegwita l-mużika ta' Mro Giuseppe u Ferdinando Camilleri. Wara jingħata l-pussess ta' Kanoniku effettiv lill-Kan. On. Charles Vella u tiġi mħabbra n-nomina ta' Dun Raymond Portelli bħala Kanoniku Onorarju fi ħdan il-Kapitlu tal-istess Kolleġġjata tan-Nadur. Wara Antifona u Barka Sagramentali.

**8.00pm** Quddiesa minn Dun Mark Bonello bis-sehem taż-żgħażagħ tal-parroċċa.

**1.00am** Quddiesa ta' sbiħ il-festa.



**Attivitajiet esterni:**

**6.00pm** Marċ mill-Banda Mnarja mill-Każin tal-Banda sal-Pjazza.

**9.00pm** Spettaklu kbir ta' logħob tan-nar tal-ajru bl-isem: The Rising Sun, li jagħlaq b'xow sinkronizzat mal-mużika maħruq mill-kumpanija MPD Pyromusical Displays.

**9.15pm** Marċ mill-Banda Victory tax-Xagħra minn Triq il-Knisja sal-Pjazza, fejn tesegwixxi programm mużikali fuq il-planċier fil-Pjazza. Marċ mill-Banda La Stella tal-Belt Victoria mill-Każin tal-Banda sal-Pjazza fejn wara tkompli miexja d-dawra tal-Purċissjoni.

**10.15pm** Marċ mill-Banda Mnarja tan-Nadur fi Triq San Ġwann, kantuniera ma' Triq Xandriku flimkien mal-Banda La Stella tal-Belt Victoria.

**12.00am** Spettaklu tal-logħob tan-nar tal-art fil-Pjazza.

## It-Tnejn 29 TA' ĠUNJU

*Ħin tal-quddies: Fil-Bażilika: 5.30am, 6.30am, 7.30am, 9.00am (Pontifikal Solenni), 11.00am u 5.00pm*
*Fil-Kappella tas-Sorijiet Franġiskani: 7.00am*
*Fil-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù: 7.00am*
*Fil-Kappella ta' Santa Tereża ta' Kalkutta (Ċimiterju ta' Kenuna): 8.00am u 10.00am*

*Funzjonijiet u Ċelebrazzjonijiet Liturġiċi:*

**9.00am** Konċelebrazzjoni Pontifikali Solenni mmexxija mill-E.T. Mons Isqof Anton Teuma li wara t-tħabbira tal-Evanġelju jagħmel l-omelija tal-okkażjoni. Jieħdu sehem rappreżentanza tal-Kapitlu Katidrali, ir-Reverendissimu Kapitlu tal-Kolleġġjata u l-Kleru tal-Parroċċa. Tiġi esegwita l-quddiesa ta' Mro Giuseppe Camilleri.

**6.30pm** Għasar Solenni mmexxi mill-Arċipriet Kan. Krystof Buttigieg u mir-Reverendissimu Kapitlu tal-Kolleġġjata, Bażilika ta' San Pietru u San Pawl. Fl-Għasar tiġi esegwita l-mużika ta' Mro Giuseppe u Ferdinando Camilleri.

**7.45pm** Ħruġ tal-istatwa titulari ta' San Pietru u San Pawl mill-Bażilika, fejn il-Banda Mnarja ddoqq l-Innu Divi Sovrani – mużika tal-Arċipriet Kan. Anton Camilleri u kliem ta' Patri Enrico Sciò SJ – taħt it-tmexxija tas-Surmast Mro Joseph Grech bis-sehem

tal-Kor tal-Parroċċa Jubilate Deo. Il-Purċissjoni titmexxa mill-Arċipriet Kan. Krystof Buttigieg, flimkien mal-Kapitlu u Kleru tal-parroċċa.

**10.30pm** Dħul tal-istatwa fil-Bażilika, Antifona u Barka Sagramentali.

**Attivitajiet Esterni:**

**12.00pm** Marċ popolari ta' filgħodu mill-Banda Sant'Elena ta' Birkirkara li jibda minn Triq San Ġwann kantuniera ma' Triq Xandriku fejn fin-12.30pm tingħaqad magħha l-Banda Mnarja u jintemm fil-Pjazza fit-3.00pm.

**3.00pm** Xow tad-dańna kulur u tal-karti sinkronizzat mal-mużika mtella' mill-Kumitat Żgħażagħ Imnarja bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tan-Nadur.

**7.00pm** Marċ mill-Banda Mnarja minn quddiem il-Każin, li wara tesegwixxi l-innu Divi Sovrani u takkumpanja l-Purċissjoni bl-istatwa titulari ta' San Pietru u San Pawl.

**7.45pm** Ħruq ta' salut, kaxxa infernali u nar tal-ajru waqt il-Purċissjoni.

**8.30pm** Programm mużikali fuq il-planċier tal-Pjazza mill-Banda Prekursur tax-Xewkija.

## GĦELUQ TAL-FESTA

**L-Erbgħa 1 ta' Lulju**

**7.00pm** Quddiesa ta' ringrazzjament lil Alla u lil dawk kollha li ħadmu għall-organizzazzjoni tal-festa u l-voluntiera kollha tal-parroċċa. Wara jsir id-dħul tal-istatwa ta' San Pietru u San Pawl fin-niċċa.

**8.30pm** BBQ kbir fi Pjazza 28 t'April 1688.

*N.B. Il-programm jista' jkun suġġett għal tibdil skont l-esiġenzi li jistgħu jinqalgħu.*

**SAGRAMENT TAR-RIKONĊILJAZZJONI FIL-BAŻILIKA:**

**27 ta' Ġunju:** mis-6.00am sal-10.00am u mill-5.00pm sas-7.00pm

**28 ta' Ġunju:** mill-5.30am sad-9.00am u mill-5.30pm sas-7.30pm (fis-sagristija)

## INDULĠENZA PLENARJA

Min iżur il-Bażilika fis-Solennità ta' San Pietru u San Pawl jista' jirbaħ l-Indulġenza Plenarja. Din tista' tintrebaħ ukoll fil-25 ta' Jannar, fl-10 ta' Frar u fil-festa ta' San Koronatu. Il-Penitenzjerija Appostolika bagħtet ittra (prot.N. 1081/16/1) lill-parroċċa bil-firma tal-Kardinal Maurus Piacenza u bid-data tal-11 ta' Diċembru 2016. F'din l-ittra ngħatat Indulġenza Plenarja lil dawk l-Insara niedma li jqerru, jitqarbnu u jżuru bħala pellegrinaġġ il-Bażilika ta' San Pietru u San Pawl fejn jieħdu sehem f'xi funzjoni jew jagħmlu talb ieħor. It-talb għandu jinkludi l-Missierna, il-Kredu u visti lill-Madonna u lill-Appostli Pietru u Pawlu. Fl-aħħar tad-digriet, il-kardinal għarraf li "Dan id-digriet jibqa' jgħodd għal dejjem... sakemm liġijiet ġodda ma jordnawx xort'oħra".

- Il-Kumitat Festi Esterni jixtieq jirringrazzja lill-Kunsill Lokali tan-Nadur u Korpi Kostitwiti oħrajn li għenu biex iseħħ dan il-programm sabiħ tal-festa.
- Matul il-festa, l-Orkestra tkun taħt id-direzzjoni ta' Mro Antoine Theuma, Maestro di Cappella, bis-sehem tal-Kor tal-Parroċċa Jubilate Deo.
- Il-quddies kollu tan-novena u tal-festa, kif ukoll l-attivitajiet konnessi mal-festa, ser ikunu mxandrin fuq Radju Luminaria fuq il-frekwenza ta' 106.9FM, u live fuq il-paġna ta' Facebook tal-Parroċċa.
- Il-Pontifikal, l-Għasar u l-Purċissjoni ta' nhar il-festa ser jixxandru wkoll live fuq UTV.

Il-logħob tan-nar tul il-festa hu ta' dawn il-kmamar tan-Nar: Qalb ta' Ġesù - Fontana Brothers, Għarb, La Stella tal-Gudja, San Mikiel ta' Ħal Lija, 25 ta' Novembru taż-Żejtun, Madonna tal-Karmnu taż-Żurrieq, Għaqda tan-Nar 1973 - Marija Bambina tan-Nar Xagħra u MPD Pyromusical Displays u huwa organizzat mill-Għaqda tan-Nar 'San Pietru u San Pawl'. L-Għaqda tan-Nar 'San Pietru u San Pawl' tħeġġeġ lill-ġenituri biex ma jħallux lil uliedhom jersqu lejn il-post minn fejn jinħaraq in-nar tal-festa anke wara li din tintemm. Titlob ukoll lill-bdiewa li għandhom ir-raba' fil-limiti tal-Ġebel l-Aħmar biex jiġbru l-prodotti qabel il-festa sabiex jiġu evitati ħsarat.

## LILL-POPLU NADURI U DAWK LI JŻURUNA FIL-ĠRANET TAL-FESTA

Inħeġġukom biex matul dawn il-ġranet tal-festa tieħdu sehem fil-funzjonijiet li jsiru fil-knisja u tersqu lejn is-Sagrament tal-Qrar u tat-Tqarbin.

# *Dan il-programm qiegħed iservi ta' stedina*



## OPRI ĠODDA, RESTAWR U KONSERVAZZJONI

- Restawr tal-pasta u l-induratura tas-saqaf tal-kor ta' Pio Cellini.
- Restawr tal-pittura tas-saqaf "L-Għoti tal-Missjoni ta' San Pietru u San Pawl" ta' Lazzaro Pisani.
- Restawr tat-tużell tal-festa.
- Restawr tal-arloġġ mekkaniku fis-sagristija ta' Nofsinhar.
- Restawr tal-aħħar tlett linef żgħar tan-navi tal-knisja.
- Sett trieħi ġodda tad-damask għall-artali kollha tal-ġnub.
- Illuminazzjoni ġdida għas-saqaf tal-knisja fin-navi u fil-korsija.
- Sistema ta' arjazzjoni tan-niċċa ta' San Pietru u San Pawl.
- Restawr tal-istatwa tad-Duluri u sistema ta' arjazzjoni għan-niċċa tagħha.
- Servizzi ġodda fis-sagristija ta' Tramuntana
- Rinnovar tal-kamra tal-abbatini.
- Rinnovar tas-Sala tal-Kapitlu fuq is-sagristija ta' Tramuntana.
- Ristrutturazzjoni u rinnovar tal-Maħżen tal-armar ta' Triq Ta' Said.


L-ARĊIPRIET,
IL-KAPITLU U L-KLERU
JIXTIQULKOM
Il-Festa t-Tajba